

I

(Atti leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI Nru 1093/2012/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Novembru 2012

dwar is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini (2013)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

(1) L-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri indiviżibbli u universali tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza u s-solidarjetà, kif ukoll il-prinċipji tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt. Dawk il-prinċipji huma fundamentali għall-Istati Membri f'soċjetajiet fejn jipprevalixxu l-pluraliżmu, inondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Kull ċittadin tal-Unjoni għandu, u għandu jgawdi, id-drittijiet previsti fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(2) It-Trattat ta' Maastricht fl-1993 introduċa l-kunċett ta' "ċittadinanza tal-Unjoni". It-Trattat ta' Amsterdam fl-1999 u t-Trattat ta' Lisbona fl-2009 komplew saħħew id-drittijiet assoċjati maċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Is-sena 2013 tfakkar l-għoxrin anniversarju mit-twaqqif taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Il-punt (12) tal-Artikolu 1 u l-punt (34) tal-Artikolu 2 tat-Trattat ta' Lisbona (li issa huma l-Artikolu 9 TUE u l-Artikolu 20 TFUE) jipprevedu li kull persuna li jkollha nazzjonalità ta' Stat Membru hi ċittadina tal-Unjoni, li ċ-ċittadinanza fl-Unjoni hija addizzjonali għal, u ma tissostitwixxi iċ-ċittadinanza nazzjonali

tal-Istat Membru u li ċ-ċittadini tal-Unjoni jibbenefikaw mid-drittijiet u huma soġġetti għad-dmirijiet preskritti fit-Trattati. Il-punt (35) tal-Artikolu 2 tat-Trattat ta' Lisbona (li issa sar l-Artikolu 21 TFUE) jinkludi d-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni.

(3) Il-Programm ta' Stokkolma — Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini ⁽³⁾ jqiegħed liċ-ċittadin fil-qalba tal-politiki Ewropej fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja. Huwa jiffoka l-azzjonijiet tiegħu fuq "il-binja ta' Ewropa għaċ-ċittadini", fosthom permezz tal-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini, partikolarment id-dritt tal-moviment liberu u d-drittijiet li jippermettu liċ-ċittadini tal-Unjoni jipparteċipaw attivament fil-ħajja demokratika tal-Unjoni.

(4) Fir-"Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar il-qagħda tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2009) — implimentazzjoni effikaċi wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona ⁽⁴⁾" il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tiddikjara s-sena 2013 is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini, biex tqajjem id-dibattitu dwar iċ-ċittadinanza Ewropea, fosthom it-terminoloġija, il-kontenut u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, u biex tgħarraf liċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari dwar id-drittijiet ġodda li rriżultaw bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u dwar il-mezzi disponibbli għalihom biex jeżerċitaw dawk id-drittijiet.

(5) L-2013 għandha tkun proklamata s-Sena Ewropea taċ-Ċittadini. Sena Ewropea taċ-Ċittadini għandha tipprovdi opportunità biex jiżjed l-għarfien tal-pubbliku ġenerali dwar id-drittijiet u r-responsabilitajiet marbuta maċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini għandu jkollha l-għan ukoll li tqajjem il-kuxjenza taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom li jirriżultaw miċ-ċittadinanza tal-Unjoni meta jeżerċitaw id-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza tagħhom fi Stat Membru ieħor, pereżempju bħala studenti, ħaddiema, persuni li qed ifittxu x-xogħol, voluntiera, konsumaturi, intraprendituri, żgħażaġ jew persuni irtirati. F'dak il-kuntest, il-qawmien

⁽¹⁾ ĠU C 181, 21.6.2012, p. 137.

⁽²⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2012.

⁽³⁾ ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 169 E, 15.6.2012, p. 49.

tal-kuxjenza għandu jiġi integrat ġeografikament, demografikament u soċjalment, u għandu jiffoka wkoll fuq it-tneħħija tal-ostakoli li għad baqa' għall-eżerċitar tad-drittijiet li jirriżultaw miċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Għandu jitwassal il-messaġġ li ċ-ċittadini tal-Unjoni nfushom għandhom rwol kritiku fit-tisħiħ ta' dawk id-drittijiet permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà ċivili u fil-ħajja demokratika.

- (6) Biex tgħin liċ-ċittadini tal-Unjoni jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar jekk għandhomx jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-moviment liberu, mhuwiex biżżejjed li titqajjem il-kuxjenza tagħhom dwar id-dritt innifsu. Jeħtieġ li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu mgħarrfa kif jixraq dwar drittijiet oħra disponibbli għalihom skont il-liġi tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet transkonfinali. Dak it-tagħrif jippermettilhom ukoll li jibbenefikaw b'mod sħiħ minn dawk id-drittijiet l-oħra, jekk huma jiddeċiedu li jeżerċitaw id-dritt ta' moviment liberu tagħhom.
- (7) Mill-introduzzjoni tiegħu fit-Trattat ta' Ruma fl-1958 bħala wieħed mill-erba' libertajiet fundamentali, id-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza wera l-valur tiegħu bħala wieħed mill-pilastru għall-ħolqien ta' suq intern għall-benefiċċju tal-ekonomiji tal-Istati Membri, u taċ-ċittadini individwali tal-Unjoni.
- (8) Id-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza fit-territorji tal-Istati Membri huwa apprezzat ħafna miċ-ċittadini tal-Unjoni bħala dritt ewleni tal-individwu marbut maċ-ċittadinanza fl-Unjoni. F'dan is-sens, huwa juri u jippromwovi fehim aħjar tal-valur tal-integrazzjoni Ewropea, kif ukoll il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-formazzjoni tal-Unjoni.
- (9) Minkejja li d-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza huwa stabbilit sew fil-leġiżlazzjoni ewlenija tal-Unjoni, u li ġie żviluppat b'mod sostanzjali fil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni, għad hemm lakuna bejn ir-regoli legali applikabbli u r-realtà li jiffaċċaw iċ-ċittadini meta jippruvaw jeżerċitaw dan id-dritt fil-prattika. Barra mill-inċertezza li tikkonċerna l-vantaġġi tal-mobbiltà, iċ-ċittadini tal-Unjoni jsibu wisq ostakoli materjali biex imorru joqogħdu u jaħdmu fi Stat Membru ieħor.
- (10) Fir-Rapport 2010 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE tas-27 ta' Ottubru 2010, "L-iżżarmar tal-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE", il-Kummissjoni indirizzat l-ostakoli ewlenin li għadhom jiffaċċaw iċ-ċittadini fil-ħajja ta' kuljum meta jippruvaw jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni, u elenkat 25 azzjoni tanġibbli li jistgħu jsiru biex jitneħħew dawn l-ostakoli. Wieħed mill-ostakoli li ġie identifikat f'dan il-kuntest kien in-nuqqas ta' għarfien. Fir-rapport tagħha l-Kummissjoni kkonkludiet li ċ-ċittadini tal-Unjoni jiġu preklużi milli jibbenefikaw mid-drittijiet tagħhom għaliex jonqoshom l-għarfien dwarhom, u ħabbret il-ħsieb tagħha li

tintensifika t-tixrid fost iċ-ċittadini tal-Unjoni tat-tagħrif dwar id-drittijiet tagħhom, u b'mod partikolari dwar id-drittijiet tal-moviment liberu.

- (11) It-TUE u t-TFUE jagħtu lil kull ċittadin tal-Unjoni d-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri, id-dritt li jivvota u li jippreżenta kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza tiegħu, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għall-persuni li jkollhom in-nazzjonalità ta' dak l-Istat Membru, id-dritt li jgawdi fit-territorju ta' pajjiż terz li fih l-Istat Membru li jkollu n-nazzjonalità tiegħu mhuwiex rappreżentat, il-protezzjoni tal-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk li għoddu għall-persuni li jkollhom in-nazzjonalità ta' dak l-Istat Membru, id-dritt li jippreżenta petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew, id-dritt li jappella lill-Ombudsman Ewropew u d-dritt li jindirizza lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u drittijiet oħra f'diversi oqsma bħall-moviment liberu tal-prodotti u tas-servizzi, il-ħarsien tal-konsumatur u tas-saħħa pubblika, opportunitajiet indaqs u trattament u aċċess għall-impjegi u għall-ħarsien soċjali ugwali.
- (12) It-Trattat ta' Lisbona introduċa drittijiet ġodda, b'mod partikolari l-inizjattiva taċ-ċittadini, prevista fil-punt (12) tal-Artikolu 1 u l-punt (37) tal-Artikolu 2 tiegħu (l-Artikolu 11 TUE u l-Artikolu 24 TFUE) li taġti lok li mill-inqas miljun ċittadin minn għadd sinifikanti ta' Stati Membri jitolbu lill-Kummissjoni tippreżenta proposta fxi waħda mill-oqsma ta' responsabilità tal-Unjoni, u b'hekk tippermetti liċ-ċittadini jinvolvu rwieħhom aktar, u b'mod attiv, fil-ħajja politika tal-Unjoni u jipparteċipaw b'mod dirett fit-tfassil tal-iżvilupp tal-liġi tal-Unjoni⁽¹⁾.
- (13) Mill-1979 'l quddiem, meta saru l-ewwel elezzjonijiet diretti, il-Parlament Ewropew serva ta' interfaċċa diretta bejn iċ-ċittadini u l-Unjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Membri tiegħu għandhom rwol kruċjali fil-komunikazzjoni tad-drittijiet u tal-benefiċċji taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, u biex il-kwistjonijiet li jikkonċernaw liċ-ċittadini tal-Unjoni jitpoġġew fuq quddiem fit-tiswir tal-politiki, u fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-qawmien tal-kuxjenza dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni, l-ugwaljanza tal-ġeneri, il-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel fil-ħajja demokratika tal-Unjoni inklużi d-drittijiet elettorali tagħhom, bħala votanti u bħala kandidati, fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom u dwar l-ambitu tas-setgħat tal-Parlament Ewropew fil-proċess leġiżlattiv, huwa importanti wkoll fil-perspettiva tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2014. L-impatt ta' tali azzjonijiet ta' qawmien tal-kuxjenza għandu jatkatar permezz tal-koordinazzjoni mill-qrib u l-użu tas-sinerġiji ma' azzjonijiet rilevanti implimentati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, mill-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet Ewropej, u mill-Istati Membri fiż-żmien ta' qabel dawn l-elezzjonijiet.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1).

- (14) Barra minn hekk, iċ-ċittadini li jkunu qed jaħsbu għandhom jeżerċitaw d-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza tagħhom għandhom jiġu mgħarrfa dwar id-drittijiet tagħhom li jakkwistaw jew iżommu s-sigurtà soċjali, inklużi dawk relatati mal-kura tas-saħħa transkonfinali, bis-saħħa tar-regoli tal-Unjoni dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali; Dawk ir-regoli jiżguraw li huma ma jitlew id-drittijiet tagħhom tas-sigurtà soċjali jekk jagħżlu li jmorru minn post għal ieħor fl-Unjoni. Barra minn hekk huma għandhom jiġu mgħarrfa dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki edukattivi, akkademiċi u professjonali tagħhom u dwar il-kompetenzi soċjali u ċivili li jiffurmaw parti mill-qafas Ewropew ta' "Kompetenzi Ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja" ⁽¹⁾ u li jistgħu jgħinuhom biex jieħdu sehem sħiħ fil-ħajja ċivika u jtuhom is-setgħa li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont il-liġijiet tal-Unjoni.
- (15) Iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom ikunu infurmati aħjar dwar id-drittijiet tagħhom bħala passiġġieri meta jkunu qed jivvjaġġaw bi kwalunkwe mezz ta' trasport fl-Unjoni Ewropea, u dwar id-drittijiet transkonfinali tagħhom bħala konsumaturi. Jekk iċ-ċittadini tal-Unjoni jkollhom fiduċja li d-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi huma mħarsin b'mod effettiv, huma jkunu f'pożizzjoni li jikkontribwixxu biex is-suq tal-Unjoni għall-prodotti u s-servizzi jiżviluppa b'mod li jilħaq il-potenzjal kollu tiegħu aktar effettivament, għall-benefiċċju taċ-ċittadini. Bl-istess mod, iċ-ċittadini għandhom ikunu infurmati aħjar dwar ir-regoli tas-sikurezza ġenerali tal-prodotti u tas-sorveljanza tas-suq, biex ikunu jafu kif saħħithom u d-drittijiet tagħhom huma mħarsa mal-Unjoni kollha, partikolarment fil-każ ta' theddid jew riskji li huma, bħala individwi, ma jkunux jistgħu jlaħħqu magħhom. Barra minn hekk, huwa importanti wkoll li jittejjeb l-għarfien taċ-ċittadini dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali u l-miżuri akkumpanjanti, bħas-saħħa onlajn u t-telemediċina, biex ikunu jistgħu jibbenefikaw b'mod sħiħ minn kura tas-saħħa sikura u ta' kwalità tajba madwar l-Istati Membri.
- (16) Din id-deċiżjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi għat-twettiq tal-oġġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020, fejn il-faċilitazzjoni tal-moviment liberu tal-persuni u t-tisħiħ tal-mobilità tal-ħaddiema huma mezz importanti ta' kif jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-bidla demografika fuq is-suq tax-xogħol kif ukoll biex tiżdied l-impjegabbiltà tal-persuni u l-kompetittività tal-industriji Ewropej. Din id-Deċiżjoni għandha wkoll il-għan li tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni f'kuntest li bħalissa hu kkaratterizzat minn figuri tal-qgħad allarmanti fi Stati Membri partikolari.
- (17) Il-kampanji ta' tagħrif, edukazzjoni u qawmien tal-kuxjenza organizzati fil-qafas tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini għandhom ukoll iqisu l-ħtiġijiet ta' udjenzi aktar speċifiċi u ta' gruppi vulnerabbli. It-tagħrif għandu jingħata bla ħlas u jkun aċċessibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. Għandu jiġi provdut f'lingwaġġ sempliċi u b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, il-midja, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Dawk il-partijiet konċernati differenti kollha jistgħu jikkunsidraw inizzjattivi bħal kompetizzjonijiet tal-kitba u l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni kif ukoll gwidi, fora onlajn u kampanji fl-iskejjel u fl-universitajiet.
- (18) Ir-rwol attiv taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom hu ċentrali għall-funzjonament tal-Unjoni. L-Artikoli 10 u 11 tat-TUE jenfasizzaw l-importanza tad-demokrazija parteċipattiva fl-aspetti kollha tagħha u r-rwol li għandhom iċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom biex dawn jipubblicizzaw u jiskambjaw l-opinjoni tagħhom fl-oqsma ta' azzjoni kollha tal-Unjoni. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jipromwovu l-parteċipazzjoni demokratika attiva fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet permezz ta' djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mas-soċjetà ċivili biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet tal-Unjoni jkunu koerenti u trasparenti. Il-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini tal-Unjoni għandha tkun faċilitata wkoll permezz tal-aċċess għal dokumenti u tagħrif, u permezz ta' governanza tajba u amministrazzjoni tajba.
- (19) Il-politika tal-edukazzjoni għandha rwol importanti biex tinforma liċ-ċittadini, b'mod partikolari liż-żgħażaġh, dwar il-kunċett taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u d-drittijiet relatata magħha. Tista tgħin ukoll biex tippromwovi l-multilingwiżmu, il-mobilità tal-istudenti, l-għalliema, il-persuni li jkunu qed jieħdu taħriġ vokazzjonali u l-għalliema tagħhom, u sabiex jitrawwmu l-kompetenzi soċjali u ċiviċi skont il-qafas Ewropew "Kompetenzi Ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja", li jistgħu jservu ta' għodda li jgħinu liċ-ċittadini jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja ċivika u biex isaħħu l-ħiliet tagħhom li jeżerċitaw b'mod komprensiv id-drittijiet tagħhom fl-ambitu tal-liġi tal-Unjoni. Għandu jkun possibbli li jiġu implimentati azzjonijiet speċifiċi sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-opportunitajiet ta' volontarjat, studju barra, il-parteċipazzjoni fi traineeship fi Stat Membru ieħor u l-parteċipazzjoni fi programmi ta' skambji edukattivi tal-Unjoni.
- (20) Is-Sena Ewropea taċ-Ċittadinanza se tkun karatterizzata mill-pubblikazzjoni tar-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE 2013 tal-Kummissjoni li se jagħti dettalji tal-progress li sar sa mill-pubblikazzjoni tar-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza 2010 u jipproponi azzjonijiet ulterjuri għat-tneħħija tal-ostakoli persistenti li jxekklu liċ-ċittadini tal-UE milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kunsill kapaċi jadotta dispożizzjonijiet biex isaħħaħ jew iżid id-drittijiet marbuta maċ-ċittadinanza Ewropea.
- (21) Iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom ukoll ikunu mgħarrfa dwar il-web portal multilingwi "L-Ewropa Tiegħek" li hu punt ta' tagħrif "one-stop-shop" dwar id-drittijiet taċ-ċittadini u n-negożji fl-Unjoni.

⁽¹⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (2006/962/KE) (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10).

- (22) Iċ-Ċentri ta' Informazzjoni "Europe Direct", bħala l-interfaċċa lokali bejn l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha, għandhom ikunu sħab mill-qrib tal-Parlament Ewropew fil-kampanji ta' qawmien tal-kuxjenza, billi jiffaċilitaw id-dibattitu lokali u reġjonali dwar l-Unjoni, jittrażmettu u jqassmu materjal ta' tagħrif u joffru l-opportunità li jingħata "feed-back" lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.
- (23) L-inizjattivi kollha mnedija għall-iskop ta' u fil-kuntest tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini għandu jkollhom l-għan li jżidu l-fehim reċiproku bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri. Dan jimplika l-qawmien tal-kuxjenza dwar id-drittijiet taċ-ċittadini fost il-persunal tal-awtoritajiet pubbliċi, fil-livell tal-Unjoni kif ukoll dak nazzjonali, reġjonali u lokali.
- (24) Sa mit-twaqqif tiegħu fl-1949, il-Kunsill tal-Ewropa kellu rwol ewlieni fl-oqsma tal-edukazzjoni u tal-kultura permezz tal-promozzjoni u l-ħolqien ta' netwerks kulturali Ewropej u permezz tad-djalogu interkulturali u l-promozzjoni tad-diversità lingwistika. Għaldaqstant, l-Unjoni għandha tiżviluppa sinerġiji mal-ħidma tal-Kunsill tal-Ewropa f'dan il-qasam b'konnessjoni mas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini.
- (25) Ir-responsabbiltà ewlenija għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni hija tal-Istati Membri. Dawn għandhom jipprovdu, fost l-oħrajn, tagħrif dwar l-Unjoni u rappurtar immirat dwar l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tikkomplementa u tissupplimenta azzjonijiet meħuda fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, kif enfasizzat fl-istqarrija politika, "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" li ġiet iffirmata fit-22 ta' Ottubru 2008 mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni⁽¹⁾. L-Istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom isaħħu l-kooperazzjoni mal-midja u jimpenjaw ruħhom li jipprovduhom b'taġħrif ta' kwalità dwar l-Unjoni.
- (26) Għall-ottimizzazzjoni tal-effikaċja u l-effiċjenza tal-attivitajiet ippjanati għas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini, huwa importanti li jitwettqu xi azzjonijiet ta' tħejjija waqt l-2012 skont l-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁽²⁾ (ir-Regolament Finanzjarju).
- (27) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex ma jitħallewx iseħħu irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġu rkuprati fondi mitlufa, imħallsa indebitament jew użati ħażin, skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea⁽³⁾ u (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra⁽⁴⁾ u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)⁽⁵⁾.
- (28) Jista' jingħata finanzjament mill-Unjoni għal attivitajiet oħrajn minbarra dawk ifffinanzjati skont il-baġit tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini permezz ta' programmi eżistenti tal-Unjoni jew mill-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" 2007 sa 2013 u l-programm speċifiku "Id-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza" 2007 sa 2013, bħala parti mill-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", il-programm "Tagħlim matul il-Ħajja" inkluż il-programm Erasmus, l-inizjattiva "Żgħażaġħ Mobbli" u l-programm "MEDIA".
- (29) Għall-benefiċċju ta' snin Ewropej futuri, għandha titħejja evalwazzjoni bir-reqqa tal-miżuri mwettqa bħala parti mis-Sena Ewropea taċ-Ċittadini. Din għandha tinkludi ideat u l-aħjar Prattiki għal azzjoni futura dwar kif wieħed jista' jilħaq u jinvolvi liċ-ċittadin bl-aktar mod effettiv. Fejn ikun possibbli, l-evalwazzjoni għandha tkun imsejsa fuq data kwantitattiva kumparabbli miksuba bis-saħħa tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini.
- (30) Minħabba li l-għanijiet tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini, jiġifieri li jiżiedu l-kuxjenza u l-għarfien fost iċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet marbuta maċ-ċittadinanza tal-Unjoni sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ tad-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza tagħhom fit-territorju tal-Istati Membri u, f'dak il-kuntest, li tiġi promossa t-tgawdija taċ-ċittadini tal-Unjoni tad-drittijiet l-oħra marbuta maċ-ċittadinanza tal-Unjoni, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed fil-livell tal-Istati Membri minħabba l-hteġa ta' sħubiji multilaterali, skambji transnazzjonali tal-informazzjoni kif ukoll il-qawmien tal-kuxjenza u t-tixrid tal-prattiki tajba mal-Unjoni kollha, u li għaldaqstant, minħabba l-iskala tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak Artikolu, din id-deċiżjoni ma tmurx oltri minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet,

(1) ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3.

(2) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(3) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

(4) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

(5) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Is-sena 2013 għandha tkun nominata bhala "Is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini".

Artikolu 2

Għanijiet

1. L-għan ġenerali tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini għandu jkun li żżid il-kuxjenza u l-għarfien dwar id-drittijiet u r-responsabilitajiet marbutin maċ-ċittadinanza fl-Unjoni, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ tad-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza tagħhom fit-territorji tal-Istati Membri. F'dan il-kuntest, is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini għandha tippromwovi wkoll it-tgawdija taċ-ċittadini tal-Unjoni tad-drittijiet l-oħra marbuta maċ-ċittadinanza tal-Unjoni.

2. Abbażi tal-paragrafu 1, l-għanijiet speċifiċi tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini għandhom ikunu:

- (a) li żżid l-għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza tagħhom fl-Unjoni, u, f'dak il-kuntest, tad-drittijiet l-oħra kollha ggarantiti għaċ-ċittadini tal-Unjoni mingħajr diskriminazzjoni, inkluż id-dritt tagħhom li jivvutaw fl-elezzjonijiet lokali u Ewropej fi kwalunkwe Stat Membru li jirrisjedu fih;
- (b) li żżid il-kuxjenza fost iċ-ċittadini tal-Unjoni, inklużi ż-żgħażaġh, dwar kif jistgħu, b'mod reali, jibbenefikaw mid-drittijiet tal-Unjoni, kif ukoll dwar il-politiki u l-programmi li jeżistu biex jappoġġaw l-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet;
- (c) li tħeġġeġ dibattitu dwar l-impatt u l-potenzjal tad-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza, bħala aspekk inalienabbli taċ-ċittadinanza fl-UE, bl-għan li tingħata spinta u tissaħħaħ il-parteċipazzjoni ċivika u demokratika attiva taċ-ċittadini tal-Unjoni, b'mod partikolari f'fora ċiviċi dwar il-politiki tal-Unjoni u l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, biex b'hekk jissaħħu l-koeżjoni soċjali, id-diversità kulturali, is-solidarjetà, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, ir-rispett reċiproku u s-sens ta' identità Ewropea komuni fost iċ-ċittadini tal-Unjoni, imsejsa fuq il-valuri ewlenin tal-Unjoni, kif inhuma inklużi fit-TUE u fit-TFUE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Inizjattivi involuti

1. Il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 2 għandhom jinkludu l-attivitajiet li ġejjin fil-livell tal-Unjoni, dak nazzjonali, reġjonali jew lokali:

- (a) il-bidu ta' kampanji ta' tagħrif, servizzi tal-midja, u kampanji ta' edukazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn il-pubbliku ġenerali u lejn udjenzi aktar speċifiċi;
- (b) it-tpartit tal-informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-esperjenza u tal-prattiki tajba bejn l-awtoritajiet tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali u organizzazzjonijiet oħra pubbliċi u tas-soċjetà ċivili;
- (c) l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seduti ta' smiġh, inkluż permezz tal-Internet, u avvenimenti oħra li jippromwovu d-dibattitu u jissensibilizzaw liċ-ċittadini dwar l-importanza u l-benefiċċji tad-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza, u b'mod aktar ġenerali dwar il-kunċett taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u d-drittijiet marbuta magħha;
- (d) l-użu tal-għodod multilingwi eżistenti għall-parteċipazzjoni biex iħeġġu l-involvement attiv tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u taċ-ċittadini fis-sena Ewropea taċ-Ċittadini, inklużi għodda tad-demokrazija diretta bħall-inizjattiva taċ-ċittadini u konsultazzjonijiet pubbliċi;
- (e) it-tisħiħ tar-rwol u tal-viżibbiltà tal-għodod eżistenti sabiex jiġu infurmati ċ-ċittadini, inklużi għodod moderni tat-teknoloġija tal-informatika u tal-komunikazzjoni, bħal pereżempju ċ-ċentri ta' informazzjoni multilingwi Ewropa Diretta u l-web portal L-Ewropa Tiegħek bħala elementi ewlenin ta' sistema ta' informazzjoni fejn wieħed isib kollox dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni;
- (f) it-tisħiħ tar-rwol u tal-viżibbiltà ta' għodod għas-soluzzjoni ta' problemi, bħalma hu s-SOLVIT, sabiex jippermettu liċ-ċittadini tal-Ewropa jagħmlu l-aħjar użu minn, u jiddefendu d-drittijiet tagħhom, taħt il-liġi tal-Unjoni;
- (g) l-għoti ta' tagħrif liċ-ċittadini tal-Unjoni dwar il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u dwar l-Ombudsman Ewropew, biex dan jippermettilhom igawdu aħjar id-drittijiet tagħhom taħt il-liġi tal-Unjoni, u jiddefenduhom;
- (h) il-promozzjoni tar-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE, li għandu jkun imsejjes fuq dibattitu profond u fuq kontribut attiv taċ-ċittadini u tal-partijiet konċernati, u li għandu jidentifika l-ostakoli ulterjuri li jżommu liċ-ċittadini tal-Unjoni milli jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet li toffrilhom iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, u li jippromwovu strateġiji xierqa biex jiġu mneħħija dawk l-ostakoli.

2. Id-dettalji tal-inizjattivi msemmija fil-paragrafu 1 huma stipulati fl-Anness.

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jidentifikaw attivitajiet oħrajn li jistgħu jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini stabbiliti fl-Artikolu 2 u jippermettu li l-isem tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini jintuża fil-promozzjoni ta' dawk l-attivitajiet ladarba dawn ikunu jikkontribwixxu biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

4. Fil-kuntest tal-inizjattivi organizzati fil-qafas tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini, għandhom jiġu identifikati l-ostakoli għall-eżerċitar tad-drittijiet miċ-ċittadini tal-Unjoni u promossi modi u strateġiji xierqa għat-tneħħija ta' dawk l-ostakoli, kif ukoll għall-promozzjoni tal-komprensjoni inter-kulturali tad-diskriminazzjoni u l-għlieda kontra. Għandhom għalhekk jiġu mfittxija sinerġiji bejn dawk l-inizjattivi u għodod u programmi eżistenti fl-oqsma tad-drittijiet fundamentali, id-drittijiet taċ-ċittadini, l-impjegji u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni u l-kultura.

Artikolu 4

Il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni se tikkooopera mill-qrib mal-Istati Membri, mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Kumitat tar-Reġjuni, kif ukoll mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u ma' korpi u assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi lokali u reġjonali.

2. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat ta' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet Ewropej jew tas-soċjetà ċivili jew korpi li huma attivi fil-qasam taċ-ċittadinanza u li jiddefendu d-drittijiet taċ-ċittadini jew jippromwovu l-edukazzjoni u l-kultura, u partijiet interessati oħra biex jassistu lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini fil-Livell tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha taħdem biex tisfrutta s-sinerġiji possibbli bejn snin Ewropej tematiċi differenti, billi tevalwa l-kisbiet, timmonitorja l-lakuni persistenti u ttipprovdi data statistika, fejn ikun il-każ, u b'hekk tkun żgurata implimentazzjoni effettiva tal-għanijiet tas-snin Ewropej.

4. Il-Kummissjoni għandha timplimenta din id-Deċiżjoni fil-livell tal-Unjoni.

Artikolu 5

Dispożizzjonijiet finanzjarji

1. Il-miżuri li huma min-natura tagħhom mifruxa mal-Unjoni kollha, imsemmija fil-Parti A tal-Anness għandhom iwasslu għal sejħa għall-offerti jew għal għotja ta' sussidji finanzjarji mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

2. Il-miżuri li huma min-natura tagħhom mifruxa mal-Unjoni kollha, imsemmija fil-Parti B tal-Anness jistgħu jiġu ssusidjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Artikolu 6

Kooperazzjoni internazzjonali

Għall-fini tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini, il-Kummissjoni tista' tikkooopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikulari mal-Kunsill tal-Ewropa.

Artikolu 7

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, fejn jiġu implimentati azzjonijiet finanzjati skont din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa skorrettament u, jekk jiġu individwati l-irregolaritajiet, b'piani effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-Kummissjoni tista' twettaq spezzjonijiet u verifiki fil-post skont din id-Deċiżjoni, konformi mar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96. Jekk ikun meħtieġ, l-investigazzjonijiet għandhom jitwettqu mill-Uffiċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) skont ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

2. Għall-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati taħt dan ir-Regolament, il-kunċett ta' irregolarità imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandu jfisser kull ksur ta' dispożizzjoni ta' liġi tal-Unjoni jew kull nuqqas ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew omissjoni minn operatur ekonomiku li għandu, jew ikollu, l-effett li tippreġudika l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, minn element ta' spiża mingħajr ġustifikazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tirkupra l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mogħtija għal azzjoni jekk hi ssib xi irregolaritajiet, partikolarment nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew mad-deċiżjoni individwali jew il-kuntratt li jagħti l-appoġġ finanzjarju rilevanti, jew jekk jinstab li, mingħajr ma tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni kienet suġġetta għal tibdil sinifikanti li ma jaqbilx man-natura tagħha jew mal-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha.

4. Jekk ma jkunux ġew osservati l-limiti ta' żmien jew jekk parti biss mill-għajjnuna finanzjarja allokata tkun ġustifikata mill-progress li jkun sar bl-implimentazzjoni ta' azzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien perjodu speċifikat. Jekk il-benefiċjarju jonqos milli jagħti tweġiba sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tikkancelła l-assistenza finanzjarja li jifdal u titlob li jitħallsu lura s-somom diġà mħallsin.

5. Kull ammont li ma kellux jitħallas ikollu jintradd lill-Kummissjoni. Għandu jiżdied l-imgħax ma' kwalunkwe somom li ma jitħallsux lura fi żmien xieraq skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 8

Monitoraġġ u valutazzjoni

Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-inizjattivi previsti f'din id-Deċiżjoni. Dak ir-rapport għandu jservi ta' bażi għal politiki, miżuri u azzjonijiet futuri tal-Unjoni f'dan il-qasam. Wara l-esperjenza tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini, ir-rapport għandu jippreżenta wkoll ideat u l-aħjar prattiki dwar kif iċ-ċittadini jġu mgħarrfa aħjar dwar id-drittijiet tagħhom, anke wara li tintemm is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 10

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, il-21 ta' Novembru 2012.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

A. D. MAVROYIANNIS

ANNEX

IL-MIŻURI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3

Bħala prinċipju ta' gwida, l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini se tinbena madwar kampanja wiesgħa ta' informazzjoni mifruxa mal-Unjoni, u din tista' tiġi kkomplementata mill-azzjonijiet tal-Istati Membri. L-azzjonijiet tal-Unjoni u nazzjonali jistgħu jinvolvu s-soċjetà ċivili, li għandha esperjenza sostanzjali fil-qasam konċernat, u partijiet konċernati oħra biex l-atturi ewlenin kollha jkollhom sens ta' pussess ta' dawn l-azzjonijiet. L-implimentazzjoni se titwettaq permezz tal-miżuri li ġejjin:

A. L-INIZJATTIVI DIRETTI TAL-UNJONI

Il-finanzjament ġeneralment se jiġi l-forma ta' akkwist dirett tal-prodotti u s-servizzi skont il-kuntratti oqfsa attwali. Parti mill-finanzjament tista' tiġi ddedikata għall-forniment ta' servizzi lingwistiċi (traduzzjoni, interpretazzjoni, informazzjoni multilingwi, il-lingwa tas-sinjali u l-Braille)

Kampanji ta' informazzjoni u ta' promozzjoni li jinkludu:

- il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' materjal awdjoviżiv u stampat li jirrifletti l-messaġġi deskritti fl-Artikolu 2;
- iż-żamma ta' okkażjonijiet u forums ta' viżibilità għolja għall-iskambju tal-esperjenza u l-prattika t-tajba;
- it-tehdid ta' miżuri biex jiġu ppubbliċizzati r-riżultati u tiżdied il-viżibbiltà tal-programmi, l-iskemi u l-inizjattivi tal-Unjoni li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini;
- l-istabiliment ta' websajt tal-informazzjoni fuq Europa (http://europa.eu/index_mt.htm) li jkun iddedikat għall-azzjonijiet implimentati fil-kuntest tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini.
- l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini fil-gazzetti, fuljetti, materjal ta' informazzjoni u websajts tal-istituzzjonijiet edukattivi u l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u t-trade unions.

B. KOFINANZJAMENT TAL-INIZJATTIVI TAL-UNJONI

Il-programmi tal-Unjoni, bħall-programm l-Ewropa għaċ-Ċittadini 2007 sa 2013, jistgħu jintużaw għal attivitajiet ta' kofinanzjament fl-ambitu tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini. Programmi oħra, bħall-programm speċifiku "Id-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza" 2007 sa 2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja", se jipprovdu tagħrif dwar id-drittijiet tal-UE bħala kriterju ta' prijorità għall-proġetti.

C. INIZJATTIVI LI MA JIBBENEFIKAW MINN EBDA GĦAJNUNA FINANZJARJA TAL-UNJONI

L-Unjoni se tagħti appoġġ mhux finanzjarju, inkluża l-awtorizzazzjoni bil-miktub għall-użu tal-logo, meta dan ikun lest, u materjali oħra assoċjati mas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini, għal inizjattivi mwettqa minn organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati, sakemm dawn jagħtu garanzija lill-Kummissjoni li l-inizjattivi kkonċernati jitwettqu jew se jitwettqu matul is-sena 2013 u hemm probabbiltà li jagħtu kontribut sinifikanti għall-kisba tal-għanijiet tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini.
